Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha 23 ta' Ġunju, 2017.

Appell numru: 4/2014 AE

**Carmel Mifsud (appellat)**

**vs**

**Paul Portelli (appellant)**

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni.**

2. Fl-**Avviż** tas-17 ta' Jannar 2014 ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €7,364.69 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li saru a benefiċċju tal-istess konvenut, bl-imgħax legali ta' 8% mid-data tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja ta' Settembru 2012, kif ukoll tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2013.

3. Fir-**Risposta** tiegħu tat-29 ta' Jannar 2014 il-konvenut wieġeb biex jgħid li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex:

   (i) ix-xogħol imwettaq mill-attur ma sarx skont l-arti u s-sengħa tant li qed jipprerikola l-inkolumita` tiegħu u tal-familja tiegħu, kif ukoll tal-baqar li huwa jrabbi fis-sit fejn sar ix-xogħol, u

   (ii) mingħajr preġudizzju, l-attur għandu jipprovdi rendikont iddettaljat ta' kif wasal għall-figura li qed jitlob stante li kull ma għamel l-attur kien li pprovda l-*mano d' opera* tiegħu.

4. L-istess konvenut inqegħda bir-rikors tal-attur sabiex jippreżenta l-**kontro-talba** tiegħu. Permezz tagħha huwa ppremetta li x-xogħlijiet li wettaq l-attur fuq ir-razzett li jinsab fi Triq l-Inżul tal-Franċiżi, fl-inħawi tar-Ramla, fil-limiti tan-Nadur, ma sarux skont l-arti u s-sengħa bir-riżultat li ħafna mix-xogħol irid jinħatt u jerġa jsir. Għalhekk talab lill-ewwel qorti:

(i) tiddikjara li l-attur naqas li jwettaq ix-xogħol fuq l-imsemmi razzett skont l-arti u s-sengħa,

(ii) tikkundanna lill-attur (taħt id-direzzjoni ta' perit nominand) iwettaq ix-xogħlijiet rimedjali, u

(iii) fin-nuqqas tawtorizzah biex iwettaq ix-xogħlijet hu (taħt id-direzzjoni tal-perit nominand) a spejjeż tal-attur.

5. <u>Fir-**risposta** tiegħu tat-12 ta' Frar 2014 **għall-kontro-talba** tal-konvenut, l-attur eċċepixxa</u>:

(i) illi l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-konvenut stante li x-xogħlijiet li huwa għamel saru kollha skont l-arti u s-sengħa;

(ii) illi fi kwalsiasi każ, ix-xogħol li minnu qed jilmenta l-konvenut ma twettaqx minnu (l-attur) iżda minn terzi jew mill-konvenut stess.

6. <u>Fis-**sentenza** li ingħatat fil-15 ta' Novembru 2016</u>, il-Qorti tal-Maġistrati:

(i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut iħallsu s-somma ta' <u>€7,364</u>, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni esegwiti minnu a benefiċċju tal-konvenut, bl-imgħax legali mid-data tad-deċiżjoni stante li ma tressqet l-ebda prova tal-ittra uffiċjali allegatament spedita mill-konvenut f' Ġunju 2013;

(ii) laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-attur għar-rikonvenzjoni tal-konvenut u ċaħdet l-istess;

(iii) bl-ispejjeż tal-kawża u tal-kontro-talba kontra l-konvenut esklużi l-ittri msemmija fl-avviż stante li li ma tressqet l-ebda prova tagħhom;

(iv) Peress li irriżultalha li kien hemm <u>sperġur da parti tal-konvenut</u>, hija ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jwettaq l-investigazzjonijiet neċessarji fir-rigward, jipproċedi fil-konfront tiegħu skont il-liġi.

7. Il-konvenut appell mis-sentenza permezz ta' rikors li ppreżenta fil-5 ta' Diċembru, 2016.

8. <u>**L-aggravji**</u> tal-konvenut huma s-segwenti:

*<u>Il-valutazzjoni tal-fatti tal-ewwel qorti</u>*

(i) Il-konvenut jilmenta bil-valutazzjoni tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti meta kkonkludiet li x-xogħlijiet relatati mat-tqegħid tal-planki (li skont il-perit ma sarux skont is-sengħa u l-arti) ma kinunx jiffurmaw parti mill-inkarigu tal-attur u li invece kien ħa r-responsabilita` għalihom Joseph Portelli, ħaddiem imqabbad mill-konvenut. Isostni li l-attur kien responsabbli li jara li x-xogħol jitwettaq skont l-arti u s-sengħa u ma jistax jinħeba wara l-figura ta' Joseph Portelli biex jgħatti t-traskuraġni u n-negliġenza tiegħu illi qiegħed l-ispralli (planki) mingħajr ma kien hemm suletta livellata li suppost saret fuq il-bricks li tqiegħed mill-istess attur.

*<u>Ma kkommettiex sperġur</u>*

(ii) Isostni wkoll li l-konklużjoni tal-ewwel qorti li huwa kkommetta sperġur totalment żbaljata. Jgħid li ma jistax jifhem x' konklużjoni siltet l-ewwel qorti mill-fatt illi l-kontijiet ma jirreferux għall-materja prima kif allega fit-tieni eċċezzjoni tiegħu. Jgħid li hu allega, u l-ewwel qorti kkonfermat, illi huwa pprovda l-materja prima kollha, u s-senjalazzjoni tal-ewwel qorti (fit-tieni paragrafu ta' paġna 10 tas-sentenza tagħha)

bħala xi nuqqas, hija inkongruwa għall-aħħar .

9. L-attur appellat fil-5 ta' Jannar 2017 ippreżenta r-**risposta** tiegħu għall-appell tal-konvenut biex jgħid li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti hija ġusta u timmerita konferma u li għalhekk l-aggravji tal-konvenut appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

10. Fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 il-partijiet iddikjaraw li l-provi miġbura fil-kawża fl-istess ismijiet: "*Carmel Mifsud vs Paul Portelli" (10/2013JVC)* (kawża li permezz tagħha l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu il-bilanċ ta' prezz għall-bejgħ u xiri ta' żewġ porzjonijiet art) għandhom ukoll ikunu prova f'din il-kawża (4/2014JVC), u vice versa.

**L-ilment tal-konvenut fir-rigward tal-planki li tqegħdu fuq il-ġibjun u rapport relattiv tal-perit Valerio Schembri**

11. Il-konvenut fix-xiehda tiegħu[1] qal li kien waqaf iħallas lill-attur tax-xogħol li kien għamillu peress li l-planki li tpoġġew minnu saru ħażin b'mod li spiċċaw jiċċaqalqu. Il-konvenut kien qed jirreferi għall-planki bit-toqob li tqegħdu fuq il-ħitan tal-ġibjun li bena l-attur b'mod li dawn il-planki jiffurmaw paviment li fuqhom jimxu l-baqar. Għalhekk talab lill-ewwel qorti tinnomina perit tekniku sabiex jirrelata dwar dan l-ilment tiegħu.

12. Biex wieħed jifhem aħjar fhiex jikkonsistu dawn il-planki u jkun f' pożizzjoni li jifhem aħjar ir-rapport tal-perit, huwa utli li jara **ritratt**[2] ta' parti minn planka li ppreżenta l-konvenut f' kontro-eżami ulterjuri tiegħu.

13. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 kien nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex imur fil-post (ir-razzett tal-baqar in kwistjoni) u jagħmel il-kostatazzjonijiet li hemm bżonn. Wara li sar aċċess fit-3 ta' Diċembru 2014, il-perit tekniku

[1] Xiehda tal-konvenut tal-14 ta' Ġunu 2016, fol 62 et seq (fl-atti tal-kawża 10/2013JVC).
[2] Fol 139.

ippreżenta r-rapport fid-9 ta' Jannar 2015.[3] Il-perit tekniku kkonkluda li:-

(i) il-*precast floor drain units* (planki) ġew impoġġija direttament fuq il-ħitan tal-*hollow concrete blocks* mimlija bil-konkos li hemm fuq il-ġenb tal-kanal prinċipali mingħajr ma tqiegħed *levelling pad* (suletta) fuq tali blocks. Spjega li bħala riżultat tal-fatt li ma tqegħditx suletta taħt il-planki, hemm **ċaqliq** fil-planki, li huwa aktar aċċentwat meta jgħaddu l-baqar minn fuqhom.

(ii) In oltre innota li f' xi postijiet, il-planki huma f' **diżlivell** u dan jirriżulta f' xfarijiet li jistgħu ikunu ta' periklu għall-baqar.

(iii) Innota wkoll li hemm ukoll difett fl-**alignment** tal-planki b' tali mod li t-toqob fihom ma jaqblux b'mod u f' tolerance aċċettabbli, kif huwa l-iskop li għalih jiġi disinjat paviment bħal dak, u qal li bħala konsegwenza ta' dan jeżistu adirittura spazji relattivament kbar bejn planka u oħra, b'mod li huwa possibbli li jinqabdu s-saqajn tal-baqar f' tali spazji.

14. Għaldaqstant huwa kien tal-opinjoni li m'hemmx triq ohra ħlief li l-paviment jinqala' kollu u jsir mill-ġdid bil-mod suġġerit minnu.

**Provi:**

15. **L-attur Carmel Mifsud** fl-affidavit[4] spjega li l-konvenut kien talbu biex jagħmillu xogħol ta' kostruzzjoni fir-razzett il-ġdid li kien qed jibni. "*Huwa qalli li parti mix-xogħol kelli nagħmlu jien filwaqt li hu kien ser jieħu ħsieb li jagħmel ix-xogħol l-ieħor huwa stess bil-ħaddiema tiegħu.*" Fir-rigward tax-xogħlijiet li kien għamel ippreżenta s-segwenti riċevuti:

- kolonni tal-konkos - li tagħhom diġa tħallas l-ammont ta €3,964.80 mitlub fir-rigward[5];

- xogħol bl-inġenji fid-dar tal-konvenut - il-kont relattiv jagħti rendikont tal-ammont ta' €233.40 mitlub fir-rigward (*labour* u l-użu ta' *bobcat*)[6];

[3] Rapport tal-perit tekniku, fol 49 et seq.
[4] Affidavit tal-attur, fol 11-12.
[5] Kont fl-ammont ta' €3,964.80, datat 08.08.11, u riċevuta relattiva datata 13.08.11, fol 13-14.
[6] Kont fl-ammont ta' €233.50, datat 10.11.11, fol 15.

- xogħol ieħor (mhux speċifikat) bil-bricks – il-kont relattiv jagħti rendikont tal-ammont ta' €2,437.60 mitlub fir-rigward (ġarr tal-bricks, l-użu ta' *bobcat*, *high-up* u *crane*, u *labour*)[7];

- bini ta' ġibjun u kanal - il-kont relattiv jagħti rendikont tal-ammont kumplessiv ta' €8,658.49 mitlub fir-rigward (xogħol tal-bini tal-ħitan tal-ġibjun, xogħol tal-bini tal-ħitan tal-kanal, xogħol tal-bini tal-ħitan tal-ġebel rasu biċ-ċatt[8], u ħlas ta' kejl)[9]. Fir-rigward tal-bini tal-ġibjun u l-kanal huwa ppreżenta d-disinni relattivi li kien għaddielu l-konvenut[10] u jekk wieħed iqabbel il-ħitan indikati fuqhom, dawn jikkorrispondu mal-kontijiet relattivi.

16. Għalhekk mill-ammont totali ta' €15,294.29, huwa tħallas biss €3,964.80 u allura jiġi li fadal bilanċ ta' €11,329.49. **Jidher li minn dan l-ammont l-atturi reġgħu naqsu s-somma ta' €3,964.80[11], u għalhekk l-atturi qegħdin jitolbu s-somma ta' €7,364.69.**

17. L-attur kompla jgħid illi wara li beda jitlob lill-konvenut biex iħallsu, huwa kien beda jilmenta miegħu li l-planki kienu qed jiċċaqilqu; "*Jien spjegajtlu diversi drabi li jien ma kellix x' naqsam ma' tali xogħlijiet tant li kien il-konvenut stess li mela l-bricks li bnejt jien u kien il-konvenut stess li għamel is-suletta ta' taħt l-imsemmija planki.*"

18. **Josef Mifsud**, bin l-attur, fix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Mejju 2014[12] xehed illi huwa flimkien ma' missieru kien għamel xogħol ta' kostruzzjoni għall-konvenut. Spjega kienu bnew gibjun fejn jaqa' d-demel tal-bhejjem il-kbir, u kanal fin-nofs għad-demel ukoll. Huwa ikkonferma li l-kontijiet jirreferu biss għall-bini bil-bricks. Qal li l-mili tal-ħitan bil-konkos ma sarx minnhom iżda minn ċertu Joseph Camilleri.[13] Spjega li dan kien ġabu fuq il-post tax-xogħol is-sid, u cioe` il-konvenut. Mistoqsi jekk waqt li kienu qegħdin jibnu kien hemm superviżjoni ta' perit irrisponda fin-negattiv. Anzi qal li "*qatt*" ma ġie perit fuq il-post.

---

[7] Kont fl-ammont ta' €2,437.60, (bla data) fol 16.
[8] "*pedament appoġġ ma' Peter Zerafa*".
[9] Kont fl-ammont ta' €8,658.49, datat 15.11.2011, fol 17-18.
[10] Disinni tal-ġibjun u tal-kanal li l-konvenut kien għadda lill-attur, fol 19-20.
[11] Ara kalkolazzjoni bil-kitba a fol 21.
[12] Xiehda ta' Joseph Mifsud tas-6 ta' Mejju 2014, fol 22 et seq.
[13] Jidher li kien qed jirreferi għal Joseph Portelli.

19. Mistoqsi dwar il-planki qal li dawn kienu ppakkjati fuq xulxin u huma tellgħuhom bil-*high-up* u poġġewhom fil-post; "*Kemm poġġejnihom biss, aħna poġġejnihom….. Aħna kif qalilna għamilha*". Fuq domanda tal-qorti: "*Jiġifieri inti sempliċiment jekk is-sinjur qallek poġġihom, poġġejtuhom*", wieġeb "*Daqshekk*". Mistoqsi dwar jekk kienx hemm suletta, qal li kien hemm, iżda qal li ma saritx minnhom u qal ukoll li seta' jara li ma kinitx wiesa'. Żied jgħid, in oltre, illi is-suletta "*fejn saret, u fejn ma saritx*". Mistoqsi jekk huwa baqax għaddej fejn saret u fejn ma saritx, wieġeb: "*Jekk is-sid jiġi jgħidlek poġġihom, ma tistax tgħidu ma tpoġġihomx.*"

20. **<u>Sammy Mifsud</u>**, it-tifel l-ieħor tal-attur, fix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Mejju 2014[14] qal li huma kienu bnew il-ġibjun bil-bricks. Spjega li huwa kien daħħal il-konkos bil-*bobcat*, iżda kien il-konvenut bil-ħaddiem tiegħu li fil-fatt taw il-konkos. Mistoqsi dwar min tella' l-planki fuq il-post, qal "*Aħna ġie qalilna, għax morna għinnih, il-ħaddiem tiegħu.*" Ippreċiża li huma tellgħuhom bil-*crane* u poġġewhom, "*imma bil-ħaddiem tiegħu.*" Qal li dan il-ħaddiem huwa Ġużeppi, imlaqqam *it-Taljan.* Reġa' enfasizza, "*Kemm għinih biss, imma hu kien qed ipoġġihom.*" Mistoqsi jekk ivverifikawx jekk kienx hemm suletti irrisponda li kien hemm, iżda mistoqsi jekk kinux ivverifikaw jekk kinitx qegħda invell u jekk kinitx tajjeb biex tiflaħ tieħu l-planki irrisponda "*Aħna ma kellniex x' naqsmu*". Mistoqsi jekk tax-xogħol tat-tpoġġija tal-planki talbux ħlas, wieġeb li iva.

21. **<u>Joseph Portelli</u>** (il-ħaddiem tal-konvenut) fix-xiehda tiegħu tal-5 ta' Mejju 2015[15] qal li ilu jaf lill-konvenut minn mindu kienu tfal. Spjega li meta l-konvenut kien qed jibni r-razzett kien inkarigah jagħmel, "*U, minn kollox. Kull ma jiġi…*" Fir-rigward tal-gandott, qal li l-ewwel kien ġie wieħed biex iqatta', imbagħad huwa (ix-xhud) witta l-art bil-konkos. Kompla jgħid li wara kien ġie l-attur u bena l-ħitan tal-bricks. Qal li kien hu (ix-xhud) li imbagħad mela l-bricks bil-konkos.

---

[14] Xiehda ta' Sammy Mifsud, tas-6 ta' Mejju 2014, fol 31 *et seq*.
[15] Xiehda ta' Joseph Portelli, tal-5 ta' Mejju 2015, fol 72 *et seq*.

22. Hawnhekk ta' min jagħmel riferenza għad-dokument MD1,[16] il juri li l-konsenji tal-konkos fuq is-sit kien jiffirma għalihom fil-maġġor parti Joseph Portelli (Kien ukoll jiffirma għalihom bin il-konvenut, Stephen Portelli, u f' okkażjoni waħda biss jidher li ffirma għal konsenja il-konvenut stess).

23. Joseph Portelli kompla jgħid li fuq dawn il-ħitan tqegħdu *"spralli, planki żgħar".* Mistoqsi jekk wara li mela l-bricks kienx għamel suletta, qal li minħabba li l-planki kienu ta' seba' jew tmien piedi, **ma kienx hemm għalfejn titpoġġa suletta**. Mistoqsi kif tqegħdu l-planki qal kien intuża l-*high-up* tal-attur biex għenuhom ipoġġu l-planki.

*"U dawk tpoġġew ifhimni, dawk tpoġġew, jien kont hemm, daqqa t'id 'l hawn u 'l hinn. U kienu t-tifel ta' Paul Portelli kien iġibhom minn barra 'l ġewwa, iġorrhom. U kien hemm il-kuntrattur Carmelo Mifsud, u t-tfal tiegħu, u poġġejnihom".*

24. Kontro-eżaminat ikkonferma illi l-planki kienu ttellgħu bil-*high-up* tal-attur u tpoġġew fuq il-ħajt li bnew huma stess. Qal ukoll li, ***"…jien kont qiegħed hemmhekk proprja biex l-affarijiet jiġu sewwa, għax jiena Paul Portelli kien jafda fija u kien jgħidli ħu ħsieb int".***

25. **Il-konvenut Paul Portelli** fl-affidavit tiegħu[17] qal li kien ftiehem mal-attur biex jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni ta' tinda tal-baqar u l-estenzjoni tagħha. Qal li hu kien ipprovda l-materja prima kollha (bricks, siment u suletti) u l-attur:

*"…kellu jipprepara l-pedamenti, jibni l-kolonni u suletti intiżi sabiex fuqhom joqgħodu l-planki u tpoġġija tal-planki. Is-suletti kont ġibthom jien mill-italja u huwa kellu jpoġġihom lixxi u jkunu fissi. Dan il-ftehim kien verbali u Carmel Mifsud aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol u kien qalli li kien kapaċi li jagħmel dan ix-xogħol mingħajr l-ebda problema".*

26. Fix-xiehda tiegħu tal-5 ta' Mejju 2015[18] qal li wara li kien ġab min iqatta' l-blat kien ftiehem mal-attur biex, *"…jibni l-bricks u jimlih u jagħmel il-planki li ma*

---

[16] Dok MD1, ippreżentat mix-xhud Maria Assunta Debono fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2016, fl-atti tal-kawża 10/2013 JVC, fol 72-73.
[17] Affidavit tal-konvenut, fol 107-110.
[18] Xiehda tal-konvenut tal-5 ta' Mejju 2015, fol 87 *et seq*.

*jiċċaqalqux."* Fir-rigward ta' Joseph Portelli qal li dan "*ċekċik*" kien jagħmillu u sostna illi sa fejn jaf hu l-bricks kien imlihom l-attur u mhux Joseph Portelli. Kontro-eżaminat qal li, "*Jiena ma qabbadtux biex jimla dak. Jiena ix-xogħol tajtu lil Carmel Mifsud."* Qal li lil Joseph Portelli kien qallu biex jagħtihom daqqa t' id.

27. Kontro-eżaminat f'seduta ulterjuri[19] u mistoqsi x' għamel l-attur, wieġeb "*Kollox….Ta s-siment fil-qiegħ, bena l-bricks, mela l-bricks,* ***poġġa s-suletti****…*" Mistoqsi kif jista' jkun ladarba Joseph Portelli il-ħaddiem tiegħu xehed illi kien hu (Joseph Portelli) li witta l-art bil-konkos, il-konvenut imbagħad wieġeb li ma kienx hemm, u ma jafx. Mistoqsi wkoll dwar il-verżjoni ta' Joseph Portelli, li kien hu (Joseph Portelli) li mela l-bricks bil-konkos, il-konvenut sostna invece kien ra lill-attur u lil uliedu jimlew il-bricks. "*Jien lilhom rajt. U jien miegħu ftehmt. Issa jien min imlieh ma jimpurtanix.*" Mistoqsi kif allura l-ħaddiem tiegħu (Joseph Portelli) qal li kien hu li mela l-bricks, wieġeb "*Issa ħi, jien ma nafx x' għamel. Jiema ma kontx hemm…*" Saħansitra aktar 'il quddiem qal illi Joseph Portelli "*ma tantx hu sewwa ħafna kultant*" u enfasizza li x-xogħol kien tah lill-attur.

28. Fix-xiehda tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2016[20] fl-atti tal-kawża l-oħra (10/2013JVC) waqt li l-konvenut kien qed jixhed fir-rigward tal-prezz ta' biċċtejn art li xtara mingħand l-attur, semma li kien innota li l-planki li fuqhom jimxu l-baqar kienu qed jiċċaqilqu u kien kellem lill-attur dwar dan. Qal li l-attur kien qallu li hu ma kellux x' jaqsam ma' dak ix-xogħol, iżda hu sostna li kien ftiehem miegħu fuqu.

**Konklużjoni tal-ewwel qorti:**

29. L-ewwel qorti kkonkludiet illi x-xogħlijiet relatati mat-tqegħid tal-planki (li skont il-perit ma tpoġġewx skont is-sengħa u l-arti) ma kinunx jiffurmaw parti mill-inkarigu tal-attur u li invece kien inkarigat minnhom Joseph Portelli, "*jew li*

[19] Kontro-eżami tal-konvenut tas-16 ta' Diċembru 2015, fol 112 et seq
[20] Xiehda tal-konvenut tal-14 ta' Ġunju 2016, fl-atti tal-kawża 10/2013, fol 67 et seq

*żgur ħa r-responsabbilta` għalihom hu, inkarigat jew le mill-konvenut.*" Irriżultalha li d-deċiżjoni li ma ssirx suletta taħt il-planki ħadha Joseph Portelli, u d-deċiżjoni li jitpoġġew il-planki mingħajr tali suletta ħadha ukoll hu. Osservat ukoll li l-attur mhux qed jitlob ħlas għax-xogħlijiet lamentati mill-konvenut, iżda għal xogħlijiet u servizzi oħra.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti.</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>: *l-allegata negliġenza tal-attur fit-tqegħid tal-planki*

30. Il-konvenut ilmenta mis-sentenza tal-ewwel qorti u jsostni li kwalunkwe rwol li żvolġa Joseph Portelli (il-ħaddiem tal-konvenut) ma jeskludix ir-responsabbilta' tal-attur bħala appaltatur.

31. Din il-qorti wara li qrat l-atti, tosserva:

- Ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar fhiex eżattament kien jikkonsisti l-appalt mogħti mill-konvenut lill-attur.

- Skont il-konvenut, huwa kien ipprovda l-materja prima kollha u kien inkariga lill-attur biex jibni bil-bricks, jimla bil-konkos, jipprepara s-suletta, **u jqiegħed il-planki b'mod "*li ma jiċċaqilqux*".** Pero' mill-provi rriżulta li kien Joseph Portelli li ngħata l-inkarigu mill-konvenut sabiex jimla' l-bricks bil-konkos.

- Skont l-attur u uliedu, invece, xogħlhom kien jikkonsisti biss f' xogħol ta' kostruzzjoni bil-bricks (kolonni, hitan tal-ġibjun u gandott). Huma kienu għamlu użu minn inġenji sabiex sar dak ix-xogħol.

- Hemm xhieda kontrastanti mhux ħażin fir-rigward tas-<u>suletta</u> li suppost saret taħt il-planki: l-attur qal li kien il-konvenut stess li għamel is-suletta ta' taħt il-planki, uliedu xehdu li fil-fatt kienet saret suletta iżda li ma

qegħduhiex huma (anzi wieħed minnhom ippreċiża li f' partijiet kien hemm suletta u f' partijiet ma kienx hemm), Joseph Portelli qal li ma saret l-ebda suletta u li skont hu ma kienx hemm bżonn, il-konvenut qal li l-attur poġġa s-suletta, u **l-perit tekniku rrelata li ma kienx hemm suletta**![21]

- Irriżulta wkoll, kif osservat l-ewwel qorti, li kien Joseph Portelli li fil-parti l-kbira kien jiffirma ghall-konsenja tal-konkos li ntuza. Isem l-attur jew ta' wliedu qatt ma jissemma[22]. Indikazzjoni ohra li kif osservat l-ewwel qorti, tindika li Joseph Portelli kien responsabbli mix-xogholijiet.

- Mhux kontestat li l-attur u wliedu effettivament poġġew il-planki fuq il-ħitan tal-ġibjun, hekk kif tellgħuhom bil-*high-up* sal-livell tal-ħajt fejn kellhom jitqegħdu, iżda l-verżjoni tagħhom hi li dan għamluh mhux għax kien jifforma parti mill-inkarigu tagħhom iżda għaliex kien talabhom jagħmlu hekk Joseph Portelli.

- Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, hija tal-fehma li dan Joseph Portelli, (nonostante li skont il-konvenut kien jagħmillu "ċekċik" biss) kien effettivament ħa r-rwol ta' imgħallem fuq il-lant tax-xogħol u li (għallinqas fir-rigward tat-tqegħid tal-planki) l-attur u uliedu segwew l-istruzzjonjiet tiegħu biex jgħinuh iqiegħed il-planki fuq il-ħitan tal-ġibjun mibnija minnhom. Din il-qorti temmen li kienu l-attur u uliedu li għenu lil Joseph Portelli jpoġġi l-planki u mhux vice versa.

- L-ewwel qorti qalet li l-ħlas bilanċjali pretiż mill-attur ma jinkludix ħlas għat-tpoġġija tal-planki. Għalkemm l-attur qal li (apparti l-kont tal-kolonni u l-kont tax-xogħol li għamlu fid-dar tal-konvenut) l-kontijiet jirrigwardaw dak kollu involut mal-bini tal-ħitan tal-bricks, u dan ġie anke konfermat

[21] *"i. Caqliq eżagerat tal-precast floor drain units liema difett jirriżulta min-nuqqas ta' levelling pad jew aħjar suletta livellata b'mod propizju. In-nuqqas ta' tali levelling pad ġie stabbilit waqt l-aċċess li nżamm nhar it-03 ta' Diċembru, 2014 meta addirittura nqalgħet waħda mill-precast floor drain units. Waqt l-istess aċċess ġie stabbilit illi dawn il-precast floor drain units ġew impoġġija direttament fuq il-ħitan tal-hollow concrete blocks mimlija bil-konkos li hemm fuq il-ġenb tal-kanal prinċipali minn fejn igħaddi l-effluent slurry naxxenti mill-baqar li jitrabbew fir-razzett in kwistjoni. **Fuq l-istess ħitan ma hemmx levelling pad** ……"* (fol. 56-57).
[22] Ara dok. MO1 a fol. 72 tal-process 10/2013.

minn ibnu Josef Mifsud, it-tifel l-ieħor tiegħu, Sammy Mifsud, invece qal kienu talbu l-ħlas fir-rigward tat-tpoġġija tal-planki. Jista' jkun għalhekk li l-kont a fol 16 jinkludi tali ħlas għat-tpoġġija tal-planki taħt *"labour"*. Iżda anke jekk dan hu l-każ, din il-qorti ma tarax għaliex m'għandhomx jitħallsu tal-*mano d'opera* tagħhom fir-rigward. Il-fatt li x-xogħol tat-tqegħid tal-planki li ġew mogħtija struzzjonijiet li jagħmlu ma kellux isir bil-mod kif sar, huwa irrilevanti għaliex kif ingħad, ma jidhirx li huma kienu qed jagħmlu dan ix-xogħol abbażi tal-appalt mogħti mill-konvenut, iżda sempliċiment biex jgħinu lil Joseph Portelli, u fuq struzzjonijiet tiegħu.

32. Fir-rikors tal-appell ma tressqu l-ebda argumenti li jikkonvinċu lil din il-qorti li l-ewwel qorti għamlet xi żball manifest fl-apprezzament tal-provi. F'dan ir-rigward m'hemmx prova li tista' twassal lil din il-qorti għall-konklużjoni li l-ewwel qorti setat biss tasal għal konklużjoni waħda, ċjoe' li l-appalt li ngħata lill-attur kien jikludi x-xogħol kollu relatat mat-tqegħid tal-planki.

33. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju tal-konvenut huwa infondat.

<u>It-tieni aggravju</u>: *l-"isperġur"*

34. Din il-qorti tifhem li l-ewwel qorti kienet fl-aħjar posizzjoni li tagħmel ġudizzju in kwantu kienet hi li semghet il-provi. F'dak li qal il-konvenut ma tara xejn li jista' jwassalha biex tiddistakka ruħha mill-ordni li tat l-ewwel qorti. Għaldaqstant, dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

(ft.) Anthony Ellul

Imħallef

(ft.) Maureen Xuereb